# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.5

**Kap 5:** Ġesù Jitwieled bħalna

**Lezzjoni 5.5:** L-istorja tal-Milied

**L-Għanijiet:**

It-tfal:

1. Jirrevedu episodji importanti fil-ġrajja tal-Milied.
2. Jisimgħu u jaraw l-Istorja tal-Milied.
3. Jitgħallmu l-kanzunetta 'Hush! There's a baby'.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Il-Bibbja;
- Vidjow clip tal-ġrajja tal-Milied;
- Vidjow klip tal-kanzunetta 'Hush! There's a baby';
- Karta ta' Taħriġ 5.4.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal jekk jiftakrux f'liema żmien tas-sena qegħdin bħalissa u għalxiex qegħdin jippreparaw. Irrevedi ftit xi jfisser l-Avvent.
- Staqsi lit-tfal biex jirrakkontaw fil-qasir xi eposidji importanti mill-ġrajja tat-twelid ta' Ġesù.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Uri l-vidjow klip.
- Wara li t-tfal ikunu raw l-istorja staqsi mistoqsijiet biex it-tfal jorbtu ma' dak li għaddejjin minnu bħalissa, eż:
    - Marija qalet 'iva' u laqgħet lil Ġesù. Aħna kif qed nilqgħuh lil Ġesù dan il-Milied?
    - Marija u Ġużeppi sabu ħafna bibien magħluqin. Aħna ġieli għalaqnielu l-bieb lil Ġesù?
    - Ir-rgħajja telqu kollox minn idejhom u marru jfittxu lil Ġesù u hekk saru jafu bl-aħbar. Aħna meta fittixnieh l-aħħar lil Ġesù?

- Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5 u ħallihom jammiraw l-istampa li hemm fil-ktieb.
- Aqra s-sentenzi moħbtija u wara li tiddiskuti l-istampi, għin lit-tfal ipoġġu n-numru addattat ħdejn kull stampa.
- Fakkar l-istorja tal-Milied permezz tal-istampi.
- Iddiskuti  l-Attività Sam u Tara.
- Fakkar li Ġesù twieled biex aħna nkunu nistgħu mmorru l-ġenna.
- Agħlaq bis-song: Hush! There's a baby'
- Orbot mal-lezzjoni li jmiss. Staqsi: X'nistgħu nagħmlu biex Ġesù jitwieled f'qalbna dan il-Milied?



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Marija qalet 'iva' għax laqgħet lil Ġesù.
2. Ġesù twieled ġo għar fqir.
3. L-ewwel nies li marru jqimu lil Ġesù kienu nies mill-aktar sempliċi.
4. Dan ifisser li Ġesù twieled għal kulħadd u dan għamlu biex immorru l-ġenna.



**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

Dan il-Milied it-tfal jagħżlu l-aktar affarijiet sempliċi u jagħtu aktar attenzjoni lit-twelid ta' Ġesù Bambin.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Ikkonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta ['Hush! There's a baby'](#) u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



**Nitolbu**

O Ġesù, biegħed minni kull tfixkil sabiex Milied ħsiebi jkun biss fik.

